# NISTANDARDIZZAW IL-PROĊESSI FIL-KULLEĠĠI U FL-ISKEJJEL

## Proċedura Operattiva Standard

# 9

## L-Amministrazzjoni tal-Eżamijiet fl-Iskejjel

## SETTUR SEKONDARJU

| Din il-proċedura jeħtieġ li tiġi riveduta lejn l-aħħar ta' Awwissu 2026 | |
|---|---|
| **Dipartiment/Uffiċjal Responsabbli** | Dipartiment għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà – It-Taqsima talAssessjar Edukattiv |

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

# Proċeduri Ġenerali għall-Eżamijiet Annwali Nazzjonali (Settur Sekondarju)

L-iskedi uffiċjali tal-eżamijiet annwali se jkunu disponibbli għall-istudenti kollha u għal dawk l-oħrajn li jaf jeħtiġuhom.

## Tqassim tal-Karti tal-Eżamijiet Annwali

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv (EAU) se tibda twassal il-karti tal-eżamijiet annwali fl-iskejjel 3 jew 4 ġimgħat qabel ma jibdew l-eżamijiet.

L-iskejjel se jiġu informati b'email dwar meta se jitwasslulhom il-karti tal-eżamijiet annwali sa minn ġimgħa qabel ma jibda t-tqassim.

## Wasla tal-Karti tal-Eżamijiet fl-Iskejjel

Membru mit-Tim tal-Amministrazzjoni tal-Iskejjel (SLT, School Leadership Team) għandu jieħu r-responsabbiltà li jżomm il-karti tal-eżamijiet annwali f'post sigur. Qabel ma jitwasslu l-karti fl-iskola, se tintbagħat nota elettronika ta' konferma biex din timtela, tiġi ttimbrata u ffirmata meta l-karti tal-eżamijiet jaslu fl-iskejjel. Għandha tintbagħat kopja skennjata tan-nota fuq eau@ilearn.edu.mt fi żmien 24 siegħa mill-wasla tal-karti.

**Il-karti tal-eżamijiet għandhom jinżammu f'post sigur.**

## Tħejjijiet ta' Qabel l-Eżami

1. L-SLT (Kapijiet tal-Iskola, Assistenti Kapi jew Kapi tad-Dipartiment) għandu **jħejji l-karti tal-eżamijiet** li rċieva mill-EAU biex jitqassmu fil-klassijiet differenti.

    - **Il-kaxxi u l-pakketti għandhom jinfetħu** qabel ma tibda s-sessjoni tal-eżamijiet biex jiġi vverifikat li l-karti meħtieġa twasslu kollha fl-iskola. Jekk xi karta tal-eżami jew skema tal-marki tkun nieqsa, l-iskola għandha ċċempel lill-EAU immedjatament biex tirrapporta l-karti nieqsa ħalli dawn jiġu pprovduti. Jekk numru żgħir biss ta' kopji tal-karti tal-eżamijiet ikunu nieqsa, għandhom isiru kopji ta' dawn il-karti fl-iskola stess.

    - **Il-karti tal-eżamijiet għandhom jitqiegħdu f'envelops skont il-klassijiet**: Irid jitqiegħed in-numru eżatt ta' karti skont in-numru ta' studenti fil-klassi, flimkien ma' karta tal-attendenza ġo jacket sheet (Appendiċi 1) u mbagħad dawn jitpoġġew ġo envelop. Fuq quddiem tal-envelop (jew fuq tikketta bħal dik f'Appendiċi 2) irid jinkiteb dan li ġej:
        - is-suġġett tal-eżami;
        - in-numru ta' studenti fil-klassi;
        - id-data tal-eżami;
        - is-sessjoni (l-ewwel, it-tieni) tal-eżami.

      Jekk l-iskeda tal-inviġilaturi hija diġà maħduma, irid jinkiteb ukoll l-isem tal-inviġilatur.

      Irid jitħalla spazju vojt fuq quddiem tal-envelop fejn l-inviġilatur jista':
        - jiffirma;
        - jikteb in-numru ta' studenti li qagħdu għall-eżami.

      Jista' wkoll ikun hemm spazju għall-kummenti fejn l-inviġilatur ikun jista' jikteb xi kummenti dwar kif marret is-sessjoni. Eżempju: jekk sarx użu ta' karti żejda, l-istudenti li waslu tard għall-eżami, u kummenti rilevanti oħrajn.

      Iridu jsiru kopji tal-errata corrige, u tiġi mmarkata b'linka li tidher sew il-parti applikabbli għall-eżami partikolari li qed jitħejja, u tiġi inkluża l-kopja fuq il-karti tal-eżami mdaħħla ġewwa l-envelop.

| **F'dan l-istadju, l-għalliema tas-suġġett ma għandhom għall-ebda raġuni jkunu involuti fit-tqassim tal-karti tal-eżamijiet tas-suġġett tagħhom ġol-envelops.** |
|---|

2. **L-iskeda tal-inviġilaturi**: Din għandha tinħadem wara li jiġu kkunsidrati d-dati li fihom xi għalliema se jkunu barra mill-iskola. Dan jista' jkun minħabba li:
    - jgħallmu f'iktar minn skola waħda;
    - ġew skużati peress li se jkunu qegħdin jattendu korsijiet, konferenzi, eċċ.;
    - talbu u ngħataw time-off għal appuntamenti mediċi;
    - jgħallmu l-klassi/is-suġġetti u għalhekk ma jistgħux ikunu inviġilaturi tal-klassi tagħhom stess.

3. **Rekordjar diġitali**: Numru ta' eżamijiet għandhom parti mill-eżami rrekordjata b'mod diġitali, eżempju: il-karti tal-fehim mis-smigħ fil-lingwi u xi siltiet tal-mużika. Dawn se jittellgħu ġo folder tal-OneDrive mill-EAU. Il-Kapijiet tal-Iskola għandhom jagħżlu persuna mill-SLT biex tkun responsabbli u tingħata aċċess għal dan il-materjal diġitali.

    L-indirizz tal-email tal-persuni magħżula għandu jintbagħat lill-EAU qabel ma jibdew l-eżamijiet, kif indikat fiċ-ċirkulari maħruġa mid-dipartment dwar l-eżamijiet annwali ta' dik is-sena partikolari.

    Il-Kapijiet tal-Iskola għandhom jiżguraw li l-apparati tal-All-In-One qegħdin jaħdmu sew (inkluż is-sound) peress li dawn se jkunu meħtieġa biex il-materjal diġitali jindaqq fuqhom.

    F'każ ta' qtugħ tad-dawl, il-fehim mis-smigħ se jinqara mill-għalliema tal-lingwi. Il-karti tal-għalliema għat-testi u l-mistoqsijiet tal-fehim mis-smigħ se jiġu pprovduti mill-EAU mal-karti tal-eżamijiet. L-istruzzjonijiet kollha mogħtija fuq il-karti tal-għalliema għandhom jiġu segwiti bir-reqqa, inkluż l-intervalli tal-ħin indikati, ħalli niżguraw standardizzazzjoni għall-istudenti kollha.

    Dan mhux se jkun possibbli fil-każ tal-eżamijiet tal-mużika, sakemm l-għalliema ma ssemmax is-siltiet tal-mużika fuq laptop iċċarġjat, jekk ikun possibbli.

    L-EAU għandha tiġi mgħarrfa dwar il-qtugħ tad-dawl immedjatament, sabiex isiru arranġamenti ħalli dawn l-eżamijiet isiru ġurnata oħra.

4. **Studenti b'arranġamenti t'aċċess**: L-arranġamenti t'aċċess għandhom isiru biss għal dawk l-istudenti li għandhom rapporti ta' professjonisti li jirrakkomandaw dawn l-arranġamenti. L-Appendiċi 3 jagħti dettalji dwar l-arranġamenti t'aċċess li għandhom isiru waqt eżamijiet differenti, kif stipulat mid-Dipartiment tal-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja, u Impjegabbiltà (DCLE, Department for Curriculum, Lifelong Learning and Employability).

    Idealment, dawn l-istudenti għandhom jitqiegħdu f'kamra differenti mill-istudenti l-oħrajn mingħajr arranġamenti t'aċċess. F'dawn il-kmamar jistgħu jitqiegħdu aktar minn student wieħed.

    Il-persuna li tagħti l-arranġamenti t'aċċess ma għandhiex tkun il-Learning Support Educator (LSE) tal-istudent (għalkemm hemm xi każijiet eċċezzjonali li fuqhom tkun ġiet ikkonsultata l-EAU). Din il-persuna għandha tkun informata dwar l-arranġamenti t'aċċess li l-istudent ikollu dritt għalihom.

    Dokument/tikketta bl-isem tal-istudent u l-arranġamenti t'aċċess mogħtija għandha titqiegħed fuq il-mejda tal-istudent.

    L-inviġilaturi għandhom ukoll jiġu assenjati ma' dawn il-kmamar fejn ikun hemm studenti li ngħataw arranġamenti t'aċċess.

**Il-persuni li jipprovdu l-arranġamenti speċjali ma jridux:**

- **Jagħtu għajnuna fuq fatti u lanqas jagħtu xi suġġerimenti lill-istudenti.**
- **Jispjegaw, jiċċaraw jew jaqilbu bil-Malti jew bl-Ingliż, xi parti mill-karta tal-eżami lill-istudent.**
- **Jagħtu pariri lill-istudenti dwar liema mistoqsijiet għandhom jagħżlu, xħin għandhom jimxu għall-mistoqsija li jmiss, u lanqas f'liema ordni għandhom jirrispondu l-mistoqsijiet**.

5. **Skeda għall-kmamar tal-eżamijiet**: L-SLT jeħtieġlu jħejji skeda għall-kmamar fejn se jsiru l-eżamijiet għal kull ġurnata matul il-perjodu tal-eżamijiet. Il-kmamar għandhom jintgħażlu skont in-numru ta' studenti li se joqogħdu għall-eżami. Il-kmamar jeħtieġ li jkollhom in-numru meħtieġ ta' mwejjed u siġġijiet għall-istudenti. L-arranġament tal-imwejjed u s-siġġijiet se jsir bl-għajnuna tal-istudenti fl-aħħar jum tal-lezzjonijiet qabel jibdew l-eżamijiet.

   L-imwejjed tal-istudenti għandhom ikunu mill-inqas metru 'l bogħod minn xulxin, f'kull direzzjoni.

   Kull kamra għandu jkollha arloġġ jaħdem u li juri l-ħin tajjeb.

   Kull kamra għandu jkollha ċirkolazzjoni tajba tal-arja, għandha tkun imdawla sew u mhux storbjuża biex ikunu jistgħu jsiru l-eżamijiet.

6. **Għandu jkun hemm post ċentrali fejn jitqassmu u jiġu rritornati l-karti tal-eżamijiet** u dan għandu jkun magħruf mill-inviġilaturi.

   L-inviġilaturi jeħtieġ li jkunu jafu sew x'ħin u minn liema uffiċċju għandhom jiġbru l-karti tal-eżamijiet għal kull sessjoni. Kull skola għandha tagħmel l-arranġamenti tagħha stess.

   Fl-iskejjel medji u tas-sekondarja, huwa ssuġġerit li l-karti tal-eżamijiet ta' snin differenti joħorġu u jiġu rritornati fi kmamar differenti sabiex ma jkunx hemm taħlit ta' karti bla bżonn u l-proċess ikun iktar effiċjenti.

## Fil-Ġranet tal-Eżamijiet

1. **Rwoli tal-SLT**:

   - Joħroġ il-karti tal-eżamijiet għas-sessjoni li jmiss mill-post sigur, u jpoġġihom f'ordni alfabetika skont is-suġġett għal kull sena.

   - Membru ieħor imexxi l-assemblea ta' filgħodu u jinforma lill-istudenti dwar il-kmamar tal-eżamijiet, filwaqt li jfakkarhom ir-regoli ġenerali li għandhom jiġu osservati waqt l-eżamijiet.

   - Jagħmel arranġamenti t'aċċess biex jintbagħat inviġilatur ieħor fejn hemm inviġilatur nieqes.

   - Jorganizza l-attendenza tal-istudenti:
     - L-istudenti li jkunu assenti għandhom iġibu ċertifikat mediku anke jekk ifallu ġurnata waħda biss matul l-eżamijiet.

     - Jekk student f'daqqa waħda jħossu ma jiflaħx waqt l-ewwel eżami u jitlaq mill-iskola, u b'hekk ma jagħmilx il-bqija tal-eżamijiet ta' dak il-jum, dan ma għandux għalfejn iġib ċertifikat mediku għal dak il-jum partikolari.

     - Kull ċertifikat mediku għandu jinżamm l-iskola.

2. **Rwoli tal-inviġilaturi:**

   - L-inviġilaturi għandhom ikunu l-iskola almenu għaxar (10) minuti qabel il-ħin tal-assemblea.

- F'każ li l-inviġilatur ikun marid, dan għandu jċempel lill-iskola kmieni kemm jista' jkun, sabiex l-SLT ikun jista' jagħmel l-arranġamenti meħtieġa ħalli jsib persuna li tissostitwixxih fir-rwol ta' inviġilatur.

- L-inviġilaturi għandhom iwasslu lill-istudenti sal-kamra fejn se jsir l-eżami. Dawn għandhom jgħidu lill-istudenti biex iħallu l-basktijiet tagħhom u oġġetti oħra f'post fil-ġenb tal-kamra. L-istudenti għandhom jieħdu magħhom fuq il-mejda dak biss li għandhom bżonn biex jiktbu.

- Kalkolaturi, protractors, rigi u strumenti oħra tal-matematika ma għandhomx jintużaw waqt il-Karta Mentali tal-Matematika.

- L-inviġilaturi għandhom:

  - Iżommu l-bieb tal-kamra tal-eżami miftuħ ħlief waqt il-fehim mis-smigħ;
  - Jaraw li l-kamra tkun imdawla sew. Jekk hemm bżonn jistgħu jinxtegħlu d-dwal;
  - Jaraw li t-temperatura tal-kamra tkun adattata. Jekk il-kamra tkun sħuna żżejjed, jistgħu jinxtegħlu l-fannijiet jew l-air conditioners. Jekk id-dawl tax-xemx ikun qed jirrifletti ħafna fil-kamra, jistgħu jitbexxqu l-purtieri jew il-blinds ħalli l-kamra tkun adattata biex l-istudenti jaħdmu fiha;
  - Jaraw li hemm arloġġ fil-kamra tal-eżami li qiegħed jaħdem sew u juri l-ħin tajjeb;
  - Jaraw li l-istudenti qegħdin bilqiegħda skont il-lista tal-klassi jew tal-grupp;
  - Iqassmu l-karti tal-eżami wiċċhom 'l isfel ħames (5) minuti qabel jibda l-eżami;
  - Għall-eżami tal-Matematika – l-ewwel iqassmu l-Karta Mentali u waqt li l-istudenti jkunu qegħdin jaħdmu din il-karta, iqassmu l-Karta Ewlenija tal-Matematika u jqegħduha taħt il-mejda ta' kull student. L-istudenti għandhom jibdew jaħdmu din il-karta malli jgħaddi l-ħin tal-Karta Mentali;
  - Ifakkru lill-istudenti biex jiktbu isimhom flimkien mal-index number fuq il-karta ta' quddiem. L-istudenti għandhom jiġu mfakkra biex:
    - Jiċċekjaw li għandhom il-paġni kollha u li kollha huma pprintjati sew;
    - Jiktbu b'linka blu jew sewda;
    - Ma jużawx pinen li jitħassru jew fluwidi/tape li jitħassar;
    - Jiktbu b'mod ċar u li jinqara.
  - Jgħidu lill-istudenti biex jiktbu l-isem tal-għalliem tas-suġġett tagħhom fuq il-paġna ta' quddiem;
  - Jinformaw lill-istudenti b'xi errata corrige fil-bidu tal-eżami. Din għandha tinkiteb mill-inviġilatur fuq il-whiteboard jew l-iskrin tal-projezzjoni;
  - Jiktbu l-ismijiet tal-istudenti li huma assenti jew eżentati fuq il-jacket flimkien man-numru ta' karti tal-eżami li għandhom jinġabru;
  - Jaraw li jekk titqassam karta għar-rough, id-data u l-inizjali tagħhom ikunu miktubin fuqha. Kull karta rough għandha tinġabar fi tmiem l-eżami;
  - Jiċċekjaw li fi tmiem l-eżami ma jkun fadal l-ebda karta rough jew foolscap fil-kamra tal-eżami;
  - MA JITILQUX mill-kamra tal-eżami fi kwalunkwe punt sakemm ma jkunx hemm inviġilatur ieħor preżenti;

- Iduru mal-kamra mingħajr ma jtellfu lill-istudenti;

- Fl-ebda ħin ma jużaw il-mobile, il-laptop jew apparat diġitali ieħor, joqogħdu jaqraw jew jikkoreġu xi karti tal-eżami, eċċ. Għandu jkun hemm monitoraġġ sħiħ fuq l-istudenti;

- Ma jħallux lill-istudenti jissellfu oġġetti mingħajr il-permess tal-inviġilatur jew jitkellmu bejniethom;

- Iħallu lill-istudenti jmorru sal-kamra tal-banju, imma jfakkruhom li mhux se jingħataw ħin addizzjonali għall-ħin mitluf. L-istudenti jistgħu jmorru sal-kamra tal-banju wieħed wieħed biss. Trid tinġibed l-attenzjoni tal-inviġilatur fil-kurituri biex isegwi lill-istudent li ħareġ mill-klassi;

- Ma jħallu lill-ebda student joħroġ mill-kamra tal-eżami anke jekk l-istudent ikun lesta kmieni. L-inviġilatur jista' jiġbor il-karta tal-eżami u l-istudent ikun jista' joqgħod jaqra jew jistudja xi suġġett ieħor. Il-karti tal-eżami jistgħu jinġabru mill-inviġilaturi wara siegħa f'dawk l-eżamijiet ta' siegħa u nofs, u wara siegħa u nofs f'dawk l-eżamijiet ta' sagħtejn. L-ebda karta mhi se tinġabar 15-il minuta qabel tmiem l-eżami;

- Jinformaw lill-istudenti 10 minuti qabel tmiem l-eżami li jkun fadal biss 10 minuti;

- Fl-aħħar 10 minuti tal-eżami, l-inviġilatur għandu jimla n-nota fuq quddiem tal-envelop;

- Jiżguraw li kull student jieqaf jikteb malli ddoqq il-qanpiena, li jindika tmiem l-eżami. Kull student għandu jibqa' bilqiegħda f'postu bil-karta tal-eżami magħluqa fuq il-mejda tiegħu, bil-karta ta' quddiem tħares 'il fuq.

**Meta jispiċċa l-eżami, l-inviġilatur għandu**:

- Jiġbor il-karti tal-eżami skont il-lista tal-istudenti. Meta l-karti kollha jkunu miġbura, jgħodd in-numru ta' karti u jiċċekkja li dan jaqbel man-numru ta' studenti preżenti fil-klassi. Ipoġġi l-karti flimkien mal-lista tal-istudenti ġol-envelop. Jiġbor kull karta rough jew foolscap mhux użata;

- Jibgħat lill-istudenti lejn il-bitħa tal-iskola għal brejk qasir qabel l-eżami li jmiss, jew lejn il-post fejn jinġabru biex joħorġu mill-iskola fi tmiem il-ġurnata. L-ebda student ma għandu jibqa' fil-klassi;

- Jirritorna l-karti tal-eżami fl-uffiċċju indikat mill-SLT biex jiġu rritornati l-karti tal-eżami, flimkien mal-karta tal-attendenza mimlija u r-rapport bl-informazzjoni fuq quddiem tal-envelop;

- Jirritorna l-karti rough u l-foolscaps użati/mhux użati fl-uffiċċju u jpoġġihom fil-kaxxi apposta;

- Fil-preżenza tal-persuna mqabbda biex tirċievi l-karti tal-eżami, dan għandu jgħodd in-numru ta' karti tal-eżami fl-envelop u jara li dan jaqbel man-numru ta' studenti mmarkati bħala preżenti fuq il-lista tal-attendenza/istudenti. Jekk jaqblu, l-inviġilatur għandu jiffirma biex il-karti jkunu jistgħu jiġu rritornati.

3. **Inviġilaturi tal-Kurituri**

L-inviġilaturi tal-kurituri huma importanti biex jikkontrollaw l-istudenti deħlin u ħerġin mill-kmamar tal-eżamijiet.

L-għalliema li jkollhom dan ir-rwol għandhom:

- Ikollhom kopji żejda tal-materjal tal-eżami (karti tal-istudenti, karti tal-għalliema, eċċ.) tal-eżami li jkun għaddej f'każ li jkunu meħtieġa;

- Ikollhom karti rough u foolscaps biex jingħataw lill-inviġilaturi tal-klassijiet jekk ikun meħtieġ;

- Jibqgħu fil-post indikat lilhom mill-SLT;

- Fi tmiem l-eżami, imorru fl-uffiċċju fejn jinġabru l-karti tal-eżami sabiex jgħinu fl-għadd tal-karti. Dan se jħaffef il-proċess.

4. **Għalliema tas-suġġett li qed isir l-eżami tagħhom**

Dawn l-għalliema għandhom:

- jiġbru kopja tal-karta tal-eżami mill-uffiċċju minn fejn jitqassmu l-karti u jaħdmu l-karta;

- ikunu fil-kamra tal-għalliema sabiex jekk ikun hemm diffikultà jkunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom;

- jaraw li kull klassi tkun ġiet mgħarrfa b'xi errata corrige li jista' jkun hemm u li kollox huwa ċar;

- ikollhom in-numru tat-telefon tal-EAU, jew tal-Kap tad-Dipartiment, jew tal-Uffiċjal Edukattiv tas-suġġett f'każ li jkun hemm bżonn xi kjarifika dwar il-karta.

# Eżamijiet Orali

L-eżamijiet orali għandhom jibdew kmieni kemm jista' jkun.

L-eżaminaturi u l-inviġilaturi għandhom ikunu f'posthom mill-inqas ħames (5) minuti qabel jibda l-eżami biex kollox jiġi organizzat sew u ma jkunx hemm paniku. Jeħtieġ li jkun hemm arloġġ jaħdem u li jżomm il-ħin tajjeb fil-kamra.

L-eżaminaturi għandhom jaraw li dak kollu li huwa meħtieġ qiegħed preżenti fil-kamra.

L-eżaminaturi għandhom jibdew l-eżami malli ddoqq il-qanpiena sabiex l-istudenti kollha jkollhom l-opportunità li jagħmlu l-eżami preferibbilment fl-istess ġurnata. Però jekk il-grupp ġol-iskola jkun kbir ħafna, l-SLT jista':

- jistaqsi għal aktar għalliema billi jkellem lill-Kap tan-Network tal-Kulleġġ; jew,
- iqassam l-eżami orali fuq jumejn/tlett ijiem billi juża l-ġranet ta' kontinġenza indikati fl-iskeda uffiċjali tal-eżamijiet maħruġa mid-DCLE.

L-istudenti għandhom jilbsu l-uniformi għall-eżamijiet orali tagħhom. F'każ li ma jkunux bl-uniformi, dawn mhux se jitħallew jagħmlu l-eżami u se jintbagħtu fl-uffiċċju tal-SLT.

L-istudenti se jintalbu jċemplu lill-ġenituri tagħhom biex iġibulhom l-uniformi u jbiddlu. Malli jilbsu l-uniformi, l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu l-eżami orali.

## Wara l-Eżami

**Meta jitlesta l-eżami, jibdew l-immarkar u r-rapportar tal-marki.**

**Ir-rwoli tal-markaturi:**

L-għalliema li jikkoreġu l-karti għandhom:

- Jiġbru l-karti mill-uffiċċju deżinjat fil-ħin mogħti lilhom. Il-karti kollha għandhom jinġabru fi żmien 24 siegħa minn tmiem l-eżami;

- Jaraw li jkun hemm konsistenza fil-marki. Fejn possibbli, huwa ssuġġerit li għalliem jikkoreġi, pereżempju, l-eżerċizzji kollha tal-fehim mill-qari ta' sena partikolari, filwaqt li għalliem ieħor jikkoreġi parti oħra mill-karta. Il-Kapijiet tal-Iskola għandhom jiżguraw li l-għalliema jikkoreġu l-karti tal-istudenti li jgħallmu f'dawk il-każijiet BISS fejn l-istess għalliem jgħallem il-klassijiet kollha fl-iskola.

- Jaraw li jkollhom kopja tal-iskema tal-marki u tal-errata corrige. L-iskemi tal-marki provduti mill-EAU għandhom jiġu osservati biex ikun hemm konsistenza fil-marki minn markaturi differenti. Il-Kapijiet tad-Dipartiment jew l-Uffiċjali Edukattivi għandhom jiġu kkonsultati fejn ikunu meħtieġa kjarifiki fl-interpretazzjoni tal-iskemi tal-marki. L-iskemi tal-marki għandhom jiġu diskussi qabel il-proċess tal-immarkar biex tkun żgurata l-istess interpretazzjoni bejn min jikkoreġi.

- Jikkoreġu l-karti fi żmien sitt ijiem ta' xogħol mill-aħħar ġurnata tal-eżamijiet u jdaħħlu l-marki fil-karti tal-marki mogħtija.
  Importanti li l-Livell jew it-Track tas-suġġett jiddaħħal fil-karta tal-marki.
  Il-karta tal-marki għandha tiġi ffirmata u datata.

Meta l-proċess tal-immarkar ikun lest, jaf isiru laqgħat ta' moderazzjoni interna biex tiġi żgurata konsistenza addizzjonali fil-marki. Il-moderazzjoni esterna se ssir mill-Uffiċjali Edukattivi u mill-Kapi tad-Dipartiment.

**Inputting tal-Marki tal-Assessjar u tal-Eżamijiet**

- Il-marki għandhom jiddaħħlu fuq is-software tal-MySchool ladarba dawn jiġu ċċekkjati sew. Ma jistax isir tibdil fil-marki wara li jkunu ddaħħlu.

- L-istruzzjonijiet ta' kif jiddaħħlu l-marki jintbagħtu kull sena lill-iskejjel permezz ta' email mis-SIS (Schools Information Systems). F'każ ta' diffikultà wieħed għandu jkellem lis-SIS jew lill-EAU. Huwa importanti li jintgħażel it-Track/il-Livell it-tajjeb qabel ma tiddaħħal il-marka tal-istudent.

## Prattiċi tal-Istudenti li Mhumiex Aċċettabli

### F’każ li student jiġi osservat li qed iħares lejn ix-xogħol ta’ student ieħor

L-inviġilatur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-istudent billi jsejjaħlu b’ismu quddiem il-klassi kollha. Għandu jingħad lill-istudent biex iħares biss lejn il-karta tiegħu.

### F’każ ta’ student li jinqabad jikkopja

L-inviġilatur għandu jiġbor l-evidenza (karta/ktieb/mobile) li l-istudent kien qiegħed jikkopja minnha, filwaqt li l-istudent għandu jintalab ikompli l-eżami.

Għandu jiġi informat l-SLT mill-ewwel. L-inviġilatur tal-kuritur għandu jintalab isejjaħ membru tal-SLT biex jiġi fil-klassi u l-inviġilatur għandu jispjega x’ġara filwaqt li jagħti l-evidenza miġbura.

Il-membru tal-SLT għandu jikteb rapport qasir bil-fatti kif intqalu lilu: id-data; il-ħin; is-suġġett tal-eżami; l-isem tal-inviġilatur; l-istqarrija tal-inviġilatur ta’ x’ġara; u l-evidenza. Il-Kap tal-Iskola għandu jiġi mgħarraf immedjatament.

Meta l-istudent jispiċċa l-eżami, huwa għandu jmur fl-uffiċċju tal-Kap tal-Iskola. Sadanittant, il-Kap tal-Iskola għandu jċempel lill-ġenituri/kustodji tal-istudent u jinformahom li l-istudent inqabad jikkopja waqt l-eżami u li għalhekk se jingħata marka ta' żero (0).

## Noti Ġenerali

Waqt l-eżamijiet, ħadd ma jista’ jkellem lill-istudenti fil-klassijiet mingħajr il-permess tal-Kap tal-Iskola jew tar-rappreżentant tiegħu.

L-għalliema tas-suġġett li qed isir l-eżami tagħhom għandhom ikunu "stand-by" matul il-ħin tal-eżami.

F’każ li hemm bżonn tiġi kkomunikata xi ħaġa lill-istudenti dwar l-eżami li qed isir, l-ewwel għandu jinġieb il-permess mill-Kap tal-Iskola u persuna waħda biss għandha ddur il-klassijiet, sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni waħda.

L-għalliema li ma jkunux inviġilaturi għandhom jibqgħu fil-kamra tal-għalliema (jew jgħarrfu lill-SLT jew lil persunal ieħor dwar fejn se jkunu) biex jgħinu jekk ikun hemm bżonn.

Matul il-perjodu tal-eżamijiet, il-membri tal-persunal jeħtieġ li jkunu preżenti l-iskola kif mitlub mill-amministrazzjoni tal-iskola.

# Proċeduri Ġenerali għall-Eżamijiet Annwali Nazzjonali

# (Settur Sekondarju)

## Mappa tal-Proċess

**Tqassim tal-karti tal-eżamijiet annwali**

**Wasla tal-karti tal-eżamijiet fl-iskejjel**

*Nofs Mejju*

**Tħejjijiet ta' qabel l-eżamijiet**

Tħejjija tal-karti tal-eżamijiet
Skeda tal-inviġilaturi
Rekordjar diġitali
Arranġamenti għall-istudenti li għandhom arranġamenti t'aċċess
Skeda għall-kmamar tal-eżamijiet
Twaqqif ta' proċedura għat-tqassim u r-ritorn tal-karti

*Mejju u l-1 ġimgħa ta' Ġuniu*

**Fil-ġranet tal-eżamijiet**

Rwoli tal-SLT
Rwoli tal-inviġilaturi
Inviġilaturi tal-kurituri
Għalliema tas-suġġett li qed isir l-eżami tagħhom
Eżamijiet orali

*It-2 sar-4 ġimgħa ta' Ġunju*

**Wara l-eżamijiet**

Rwoli tal-markaturi
Inputting tal-marki tal-assessjar u tal-eżamijiet

*It-3 ġimgħa ta' Ġunju sal-1 ġimgħa ta' Lulju*